Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 2 ta' Lulju 2019**
**(OR. en)**

**10178/19**

**ECOFIN 636**
**UEM 236**
**SOC 487**
**EMPL 376**
**COMPET 514**
**ENV 607**
**EDUC 320**
**RECH 353**
**ENER 357**
**JAI 717**
**FSTR 136**
**REGIO 172**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 9951/19 - COM(2019) 525 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 tas-Slovakkja u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 tas-Slovakkja |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 525 final.

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**ta' …**

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tas-Slovakkja għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tas-Slovakkja għall-2019**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

(1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Din qieset il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li tħabbar mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lis-Slovakkja bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fid-9 ta' April 2019, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro[3] (' Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro'), li tistabbilixxi ħames rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro ('ir-rakkomandazzjonijiet għaż-żona tal-euro').

(2) Bħala Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro, u fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji fl-unjoni ekonomika u monetarja, jenħtieġ li s-Slovakkja tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-Rakkomandazzjoni tal-2019 għaż-żona tal-euro, kif riflessa fir-rakkomandazzjonijiet minn (2) sa (4) ta' hawn taħt. B'mod partikolari, il-miżuri li jittrattaw il-korruzzjoni u jtejbu s-sistema ġudizzjarja se jgħinu fl-indirizzar tal-ewwel rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-kwalità tal-istituzzjonijiet, filwaqt li l-iffukar fuq politika ekonomika relatata mal-investiment fl-oqsma speċifikati se jgħin fl-indirizzar tat-tieni rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-appoġġ għall-investiment, u l-miżuri li jtejbu l-ħiliet se jgħinu fl-indirizzar tat-tielet rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro fir-rigward tal-funzjonament tas-suq tax-xogħol.

---

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

[3] ĠU C 136, 12.4.2019, p. 1.

(3) Ir-rapport tal-pajjiż għall-2019 tas-Slovakkja ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Dan ir-rapport ivvaluta l-progress tas-Slovakkja fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018[4], is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tas-Slovakkja lejn il-miri nazzjonali tagħha ta' Ewropa 2020.

(4) Fil-25 ta' April 2019, is-Slovakkja ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma għall-2019 u l-Programm ta' Stabbiltà tagħha għall-2019. Iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess ħin biex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom.

(5) Rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati fl-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni tat aktar dettalji dwar kif biħsiebha tuża dik id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri marbuta mal-effettività tal-Fondi SEI għal governanza ekonomika soda.

---

[4] ĠU C 320, 10.9.2018, p. 107.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

(6) Bħalissa s-Slovakkja tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Stabbiltà għall-2019 il-gvern qiegħed jistenna li l-bilanċ nominali se jmur għall-aħjar, minn defiċit ta' 0,7 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2018 għal baġit ibbilanċjat fl-2019, xenarju li mhux se jinbidel sal-2022. Abbażi tal-bilanċ strutturali kkalkolat mill-ġdid[6], l-objettiv baġitarju ta' terminu medju — li nbidel minn defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG fl-2019 għal 1 % tal-PDG mill-2020 — mistenni jintlaħaq fl-2020. Skont il-Programm ta' Stabbiltà għall-2019, il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG mistenni jonqos gradwalment minn 47,5 % fl-2019 għal 44,4 % sal-2022. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawk il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawsibbli. Fl-istess waqt, il-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-miri ppjanati tad-defiċit mill-2019 'il quddiem ma ġewx speċifikati bis-sħiħ. Il-baġit jinkludi kategorija tan-nefqa mhux speċifikata msejħa riżervi baġitarji (li tilħaq iż-0,7 % tal-PDG), li tnaqqas il-prevedibbiltà tal-implimentazzjoni tal-baġit.

(7) Fit-13 ta' Lulju 2018, il-Kunsill irrakkomanda lis-Slovakkja biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta[7] ma taqbiżx 4,1 % fl-2019, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG. Fid-dawl tat-tbassir tal-ħarifa tal-2018 tal-Kummissjoni, li pprevediet pożizzjoni eqreb lejn l-objettiv ta' terminu medju fl-2019, u li huwa konsistenti mar-regoli għat-tneħħija mill-iffriżar tal-aġġustament meħtieġ, ir-rata tat-tkabbir nominali tan-nefqa primarja netta tal-gvern jenħtieġ li ma taqbiżx l-4,6 %, li għall-2019 tikkorrispondi mal-aġġustament strutturali annwali ta' 0,3 %. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni, jeżisti riskju ta' devjazzjoni sinifikanti mill-aġġustament fiskali rrakkomandat għall-2018 u l-2019 meħudin flimkien.

---

[6] Il-bilanċ aġġustat ċiklikament li ma jinkludix il-miżuri ta' darba u l-miżuri temporanji, ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni permezz tal-metodoloġija maqbula b'mod komuni.

[7] In-nefqa primarja nett tal-gvern hi magħmula min-nefqa totali tal-gvern mingħajr in-nefqa marbuta mal-imgħax, in-nefqa marbuta mal-programmi tal-Unjoni kompletament koperti mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni u mill-bidliet mhux diskrezzjonali fin-nefqa marbuta mal-benefiċċju tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fuq livell nazzjonali hija mifruxa fuq perijodu ta' erba' snin. Il-miżuri ta' dħul diskrezzjonali jew iż-żidiet tad-dħul b'mandat tal-liġi huma fatturati. Il-miżuri ta' darba fuq in-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa huma esklużi.

(8) Fl-2020 is-Slovakkja jenħtieġ li tilħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni għall-politiki mhux mibdula, dan huwa konsistenti mar-rata ta' tkabbir nominali tan-nefqa pubblika primarja netta ta' 4,6 %, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali ta' 0,3 % tal-PDG. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa tal-2019 tal-Kummissjoni għall-politiki mhux mibdula, jeżisti riskju ta' devjazzjoni sinifikanti minn dak ir-rekwiżit fuq l-2019 u l-2020 meħudin flimkien. Is-Slovakkja mbassra li tikkonforma mar-regola tad-dejn fl-2019 u fl-2020. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li l-miżuri neċessarji jenħtieġ li jittieħdu mill-2019 sabiex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

(9) Il-finanzi pubbliċi tas-Slovakkja qed jiffaċċjaw riskji ta' sostenibbiltà fiskali medji fuq terminu twil. Skont ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà Fiskali għall-2018 tal-Kummissjoni, b'rabta max-xenarju ta' ebda bidla fil-politika, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG fuq terminu twil jeħtieġ li jiġi stabilizzat permezz ta' titjib kumulattiv ta' 2,5 punti perċentwali tal-PDG fil-bilanċ primarju strutturali. Dan minħabba ż-żieda prevista fin-nefqa fuq il-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa li qed iżżid l-ispejjeż marbuta mat-tixjiħ (kontribuzzjoni konġunta ta' 1,8 punti perċentwali tal-PDG). Ir-rati tat-twelid fis-Slovakkja huma baxxi filwaqt li l-istennija tal-għomor mistennija tiżdied aktar, il-proporzjon ta' dipendenza tal-età avvanzata (il-paragun bejn il-persuni ta' età avvanzata u l-popolazzjoni attiva — is-sehem tal-popolazzjoni f'impjieg jew taħriġ) huwa previst li jittriplika sal-2060. U filwaqt li fl-2016 kien hemm biss madwar tliet persuni inattivi fl-età ta' 'l fuq minn 65 sena għal kull għaxar persuni impjegati, dan huwa mistenni li jiżdied għal aktar minn sebgħa minn kull għaxar persuni impjegati sal-2060 (il-proporzjon ta' dipendenza ekonomika f'età avvanzata). L-introduzzjoni tal-aġġustamenti awtomatiċi tal-età tal-irtirar fuq l-istennija tal-għomor kienet tejbet gradwalment is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet. Dawn tqiesu bħala għodda importanti biex tiġi żgurata l-ekwità interġenerazzjonali u s-sostenibbiltà fit-tul. Wara li fit-28 ta' Marzu 2019 il-Parlament adotta emenda kostituzzjonali li stabbilixxiet limiti massimi fuq l-età tal-irtirar (64 sena għall-irġiel u n-nisa mingħajr tfal, bi tnaqqis ta' sitt xhur għan-nisa għal kull wieħed mill-ewwel tliet ulied) li jimplika li l-aġġustamenti awtomatiċi marbuta mal-istennija tal-għomor mhux se jiġu applikati iżjed ladarba jintlaħaq il-limitu massimu. Skont il-Kunsill Fiskali tas-Slovakkja, il-limitu massimu se jżid nefqa addizzjonali ta' 1,6 % tal-PDG, minn 8,6 % fl-2016 għal 11,4 % fl-2070 meta mqabbel maż-żieda ta' 9,8 % proġettata fir-Rapport tal-2018 dwar it-Tixjiħ. Dan iżid ir-riskju għas-sostenibbiltà b'mod sinifikanti. F'dan l-istadju ma tressqet l-ebda miżura ta' kontrobilanċ u l-impatt fuq id-dħul u l-faqar fost il-persuni avvanzati fl-età għadu ma ġiex ikkalkulat.

(10) Minkejja li sar ċertu progress fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, il-konformità fiskali għadha problematika u d-diskrepanza fil-konformità tal-VAT kienet aktar minn darbtejn ogħla mill-medja tal-Unjoni fl-2016. Filwaqt li l-miżuri ppjanati f'konformità mat-Tielet Pjan ta' Azzjoni mistennija jwasslu għal riżultati pożittivi, uħud minnhom għadhom ma ġewx implimentati. Pereżempju, l-introduzzjoni tad-dikjarazzjoni tat-taxxa elettronika x'aktarx li tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kontribwenti, iżda l-effett kumplessiv tagħha jaf jonqos jekk ma jiġux implimentati l-miżuri kollha. Fl-istess waqt, qafas strutturat ta' miżuri ta' politika jista' jgħin biex titnaqqas il-frekwenza tat-tibdil fil-kodiċi tat-taxxa u biex tiġi inkoraġġuta s-simplifikazzjoni tiegħu. Fl-aħħar nett, il-potenzjal mid-dħul mit-tassazzjoni ambjentali u tal-proprjetà mhijiex tintuża daqskemm tintuża fi Stati Membri oħrajn.

(11) L-iżviluppi pożittivi fis-suq tax-xogħol għadhom għaddejjin, hekk kif ir-rata tal-impjiegi tiżdied u l-qgħad jinsab fl-aktar livelli baxxi li qatt intlaħqu. Sar progress tajjeb fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-persuni qiegħda fit-tul, li fuq sentejn għen biex l-għadd ta' persuni qiegħda fit-tul naqas b'terz. Minkejja dan, ir-rata tal-qgħad fit-tul għadha ogħla mill-medja tal-Unjoni, u dan jolqot l-aktar lill-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, liż-żgħażagħ u lir-Rom. F'paragun mar-rati tal-qgħad li qegħdin jonqsu, ir-rapporti dwar nuqqasijiet ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati saru kwistjoni maġġuri. Jistgħu jiġu osservati diversi diskrepanzi reġjonali fis-suq tax-xogħol, b'livelli ogħla tal-qgħad ikkonċentrati fi tliet reġjuni fil-Lvant tas-Slovakkja u nuqqas ta' ħaddiema kkonċentrat fil-parti tal-Punent tal-pajjiż. Jenħtieġ li jissokta l-bini ta' kapaċità għall-impjegaturi u t-trejdjunjins sabiex jiġu inkoraġġuti jinvolvu ruħhom b'mod aktar attiv.

(12) Il-firxa u l-effettività tal-politiki li jsaħħu l-impjegabbiltà huma limitati. Il-programmi tat-taħriġ u r-rikwalifikazzjoni ġew imsaħħa, iżda għadhom insuffiċjenti u ma jimmirawx biżżejjed fuq il-qgħad fit-tul u fuq il-gruppi żvantaġġati. Is-sistema edukattiva ma tikkontribwixxix biżżejjed għall-iżvilupp soċjoekonomiku u mhijiex iffinanzjata b'mod adegwat fil-livelli kollha. Fost l-isfidi urġenti hemm il-kwalità baxxa tar-riżultati edukattivi, il-parteċipazzjoni tar-Rom fl-edukazzjoni ordinarja inklużiva mit-tfulija bikrija u l-integrazzjoni effettiva ta' studenti minn sfondi żvantaġġati mil-lat soċjoekonomiku fl-edukazzjoni u t-taħriġ (meta titqies ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola). Ir-riżultati edukattivi u l-livell ta' ħiliet bażiċi għadhom batuti meta mqabbla mal-istandards internazzjonali, u huma ferm affettwati mill-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. L-iżgurar li l-popolazzjoni Slovakka tiġi mgħammra b'settijiet ta' ħiliet aħjar għal ekonomija u soċjetà li qegħdin jinbidlu huwa diffiċli. Minkejja ż-żidiet progressivi fis-salarji sal-2020, il-professjoni tal-għalliema għadha mhijiex attraenti u qiegħda tħabbat wiċċha ma' nuqqas dejjem jiżdied ta' għalliema. Barra minn hekk, il-kwalità u r-rilevanza tat-taħriġ inizjali u tal-opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali tal-għalliema huma limitati. Sal-lum, il-miżuri ta' bħalissa biex jitrawmu l-ugwaljanza u l-edukazzjoni inklużiva ma laħqux l-aspettattivi tagħhom, u ma ġie osservat l-ebda progress ta' veru dwar id-desegregazzjoni tal-istudenti Rom. Il-gvern adotta l-Pjan nazzjonali ta' riforma għall-edukazzjoni u t-trobbija" (2018–27) u l-ewwel Pjan ta' Azzjoni (2018-19) (flimkien ma' baġit stmat), kif ukoll leġiżlazzjoni ġdida dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni għolja. Se jkun kruċjali li dawn il-miżuri jiġu implimentati b'mod effettiv u jiġu mmonitorjati biex jiġi vvalutat jekk jiksbux ir-riżultati mistennija.

(13) Ir-rata ta' impjieg fost in-nisa hija baxxa u dan jirrifletti l-fatt li l-liv twil tal-ġenituri rarament jintuża mill-irġiel u huwa aċċentwat l-aktar mill-aċċess limitat u d-disponibbiltà baxxa ta' faċilitajiet affordabbli tal-indukrar tat-tfal u ta' kura fit-tul. Ir-rati ġenerali ta' reġistrazzjoni huma baxxi ferm, partikolarment fir-rigward tat-tfal taħt it-tliet snin. Il-gvern adotta deċiżjoni ġdida dwar il-parteċipazzjoni obbligatorja fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal mill-età ta' ħames snin, b'effett mill-2020. Madankollu, huma meħtieġa aktar investiment u inkoraġġiment fir-rigward tal-attendenza fil-faċilitajiet tal-kura tat-tfal u tal-edukazzjoni preprimarja.

(14) Għalkemm is-sehem tal-persuni li jinsabu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali huwa iżgħar mill-medja tal-Unjoni, il-livelli huma konsiderevolment ogħla f'għadd ta' distretti fin-Nofsinhar u fil-Lvant tas-Slovakkja. Jeżistu ostakli konsiderevoli fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għolja, fejn l-akbar diskrepanzi reġjonali jissarfu f'rati partikolarment għoljin ta' tluq bikri mill-iskola. Ostakli oħrajn jikkonċernaw l-aċċess għal gruppi żvantaġġati, partikolarment għar-Rom, kif ukoll għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni mingħajr dar jew li huma esklużi mill-akkomodazzjoni, mill-kura tas-saħħa, mill-kura fit-tul, mill-akkomodazzjoni soċjali u servizzi essenzjali oħra. Jenħtieġ li jkun hemm approċċ integrat sabiex titrawwem l-inklużjoni soċjali għal dawn il-gruppi.

(15) Ir-riformi bil-għan li jtejbu l-kosteffettività tas-sistema tal-kura tas-saħħa qegħdin jiksbu aktar momentum, għalkemm il-grad tal-implimentazzjoni varja madwar l-oqsma differenti tal-kura. Inkisbu riżultati pożittivi b'rabta mal-miżuri ta' politika fil-kuntest tar-rieżami tal-infiq fuq il-kura tas-saħħa, l-aktar wara sensiela ta' miżuri ta' trażżin tal-ispejjeż fl-oqsma tal-farmaċewtika u l-apparat mediku. Madankollu, għad hemm lok għal aktar effiċjenza u li tingħata kura b'valur aħjar permezz tar-riallokazzjoni strateġika ta' riżorsi bejn l-oqsma tal-kura. L-għoti tas-servizz tas-saħħa għadu dipendenti wisq fuq l-isptarijiet, li minkejja l-ħelsien mid-dejn regolari baqa' jakkumula d-dejn u jsibha diffiċli li jiffinanzja l-investimenti meħtieġa biex jitjiebu l-effiċjenza u l-kwalità tal-kura. Filwaqt li t-tisħiħ tal-kura primarja huwa essenzjali biex jitnaqqas l-użu evitabbli tas-servizzi tal-isptarijiet, l-għadd baxx ta' prattikanti ġenerali u l-iskop limitat tas-servizzi offruti fil-kura primarja jliġġmu t-titjib tal-effiċjenza tal-kura tas-saħħa. Hekk kif il-gvern nieda miżuri li jindirizzaw in-nuqqasijiet fl-għadd ta' ħaddiema fil-kura tas-saħħa, se jkun importanti li dawn l-isforzi jitqiegħdu fil-kuntest ta' strateġija fit-tul bil-għan li gradwalment is-servizzi jiġu deċentralizzati mill-kura akuta, tissaħħaħ il-kura primarja u jitqawwew is-servizzi preventivi.

(16) Is-sistema frammentata tar-riċerka tliġġem l-effettività tal-investiment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) b'rabta mat-tisħiħ tal-kwalità tar-riċerka xjentifika u ma tattirax il-finanzjament privat. Il-politika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni hija affettwata minn koordinazzjoni mhux effettiva fost il-ministeri u atturi oħrajn, li jwassal biex riformi maġġuri jiddewmu u ma jirnexxux. Il-proċess xejn ottimali ta' trasformazzjoni tal-Akkademja Slovakka tax-Xjenzi qajjem tħassib dwar il-kontinwità tal-operat tagħha, li wassal għall-kollass tal-proċess kollu kemm hu. In-nuqqas ta' miżuri mmirati jew in-nuqqas ta' suċċess tal-miżuri mmirati, flimkien ma' impenn limitat min-naħa tal-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-kapaċità limitata tar-riċerka jikkontribwixxu kollha għal nefqa privata baxxa fuq ir-R&Ż. B'mod kumplessiv, ir-R&Ż tan-negozji għadhom fost l-aktar kajmani fl-Unjoni u huma ffukati fuq il-manifattura medja/ta' teknoloġija avvanzata, oqsma li huma ddominati minn ditti multinazzjonali. Il-miżuri li jixprunaw it-trasferiment tal-għarfien, isaħħu l-kapaċitajiet innovattivi fl-industrija u jtejbu l-kooperazzjoni bejn in-negozji u l-akkademja mixjin bil-mod.

(17) Huma meħtieġa wkoll sforzi sostnuti ta' investiment fl-infrastruttura diġitali u tat-trasport u effiċjenza fl-enerġija, biex il-produttività tas-Slovakkja tissaħħaħ u l-proċess ta' konverġenza jinżamm għaddej. Huwa meħtieġ li jittejbu l-konnessjonijiet fissi tal-broadband u l-kopertura 4G kif ukoll l-introduzzjoni tal-broadband veloċi ħafna. L-investiment fl-effiċjenza enerġetika, partikolarment fis-settur tal-kostruzzjoni u t-teknoloġija ambjentali, jista' jkun għajn ta' tkabbir ekoloġiku u se jippriżerva r-riżorsi ambjentali skarsi. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jsir investiment aktar strateġiku li jindirizza n-nuqqasijiet fl-infrastruttura u biex jittejbu n-netwerks tat-trasport - dan se jwassal biex ir-reġjuni anqas żviluppati jlaħħqu mal-bqija u jibdew jibbażaw aktar fuq l-għarfien, filwaqt li jsiru aktar kompetittivi u produttivi. Is-Slovakkja qed taqta' lura fir-rigward tat-tlestija tan-netwerk ferrovjarju u tat-toroq prinċipali skont in-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport, bħall-Kuritur tar-Renu u tad-Danubju. Id-dgħufijiet fin-netwerk tat-trasport jistgħu jiġu indirizzati billi tissaħħaħ l-interkonnettività, il-multimodalità u l-interoperabbiltà tan-netwerk tat-trasport pubbliku u urban eżistenti, u permezz tal-promozzjoni ta' modi ta' trasport sostenibbli.

(18) Il-piż kbir amministrattiv u regolatorju jista' jolqot l-investiment u l-innovazzjoni b'mod negattiv, speċjalment fir-rigward tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"). Minkejja l-isforzi tal-gvern, il-piż amministrattiv mhuwiex jitnaqqas biżżejjed u l-ambjent tan-negozju fis-Slovakkja qiegħed jaqa' lura meta jitqabbel ma' dak internazzjonali. Il-kwalità tal-leġiżlazzjoni u n-nuqqas ta' prevedibbiltà huma inkwetanti għan-negozju. Dan it-tħassib jenħtieġ li jiġi indirizzat permezz tad-dħul fis-seħħ tal-Istrateġija għar-Regolamentazzjoni Aħjar tas-Slovakkja (RIA2020) u t-tisħiħ taċ-Ċentru tar-Regolamentazzjoni Aħjar u l-kapaċitajiet analitiċi fi ħdan l-amministrazzjoni tal-Istat. Is-settur tas-servizzi professjonali Slovakk għadu rregolat ħafna. Ir-restrittività tar-regolamentazzjoni hija ogħla mill-medja ponderata tal-Unjoni fir-rigward tal-avukati, l-aġenti tal-privattivi, l-inġiniera ċivili, il-periti, il-kontabilisti, il-gwidi turistiċi u l-aġenti tal-proprjetà immobbli.

(19) Il-gvern qiegħed jirriforma l-prattiki tal-akkwist pubbliku b'mod sostanzjali billi jġedded il-qafas legali biex jissimplifika l-proċeduri u l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet. Ikun tajjeb jekk issir enfasi fuq il-professjonalizzazzjoni; madankollu, il-benefiċċji ġenerali qed joħroġu fid-dieher bil-mod. Fil-kuntest tan-nuqqas ta' fiduċja fil-konfront tal-istituzzjonijiet pubbliċi, jeħtieġ li l-akkwirenti pubbliċi jagħmlu sforz akbar biex jerġgħu jirbħu l-fiduċja tan-negozji, tal-midja u tal-pubbliku inġenerali. Dan iżomm lura l-introduzzjoni ta' prattiki ġodda li huma tant meħtieġa. Jeħtieġ li tingħata spinta lill-isforzi biex jiżdied l-użu tal-kriterji tal-kwalità sabiex jinkiseb valur aħjar għall-flus u jissaħħaħ l-użu strateġiku tal-akkwist pubbliku.

(20) L-amministrazzjoni pubblika Slovakka għadha qed tħabbat wiċċha ma ineffiċjenzi u ostakli li qed jinħolqu partikolarment mill-kooperazzjoni ineffettiva bejn id-dipartimenti tal-gvern. In-nuqqas ta' kapaċità u ta' ppjanar strateġiku u l-ineffiċjenzi amministrattivi qed iliġġmu l-andament mexxej tal-Fondi SIE. B'riżultat ta' dan, is-Slovakkja tilfet EUR 120 miljun f'finanzjament fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020, filwaqt li t-tqassim tal-fondi lill-benefiċjarji aħħarija għadu għaddej b'ritmu kajman. Barra minn hekk, it-tħejjija xejn ottimali ta' proġetti ffinanzjati mill-Fondi SIE wasslet għal investiment tard u rriżultat fi skadenzi qosra għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku, li żied ir-riskju ta' irregolaritajiet.

(21) Il-korruzzjoni għadha sfida u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli qed issir b'nofs qalb. L-isforzi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni qed jinżammu lura minn dgħufijiet organizzattivi u proċedurali fil-livell tal-pulizija u tal-prosekutur, u protezzjoni dgħajfa tal-informaturi. It-titjib tal-effettività tas-sistema tal-ġustizzja, fosthom l-indipendenza tagħha, ukoll għadu diffiċli. Minkejja xi titjib fir-rigward tal-effiċjenza u l-kwalità, it-tħassib dwar l-indipendenza tal-ġudikatura għadhom persistenti u d-dewmien fil-proċess tal-ħatra tal-imħallfin fil-qorti kostituzzjonali jista' jaffettwa l-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja.

(22) L-ipprogrammar tal-Fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż tal-2019. Dan jippermetti li s-Slovakkja tuża tajjeb il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati filwaqt li jitqiesu d-diskrepanzi reġjonali. It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tas-Slovakkja għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi huwa fattur importanti għas-suċċess ta' dan l-investiment.

(23) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-2019, il-Kummissjoni għamlet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tas-Slovakkja u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Stabbiltà tal-2019, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lis-Slovakkja fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fis-Slovakkja imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazzjonali futuri.

(24) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2019 u l-opinjoni tiegħu[8] hija riflessa b'mod partikolari fir-rakkomandazzjoni (1) hawn taħt,

[8] Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li fl-2019 u fl-2020 is-Slovakkja tieħu azzjoni biex:

1. Tilħaq l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-2020. Tissalvagwardja s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari dawk tal-kura tas-saħħa u tas-sistema tal-pensjonijiet.

2. Ittejjeb il-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni fil-livelli kollha u trawwem il-ħiliet skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Issaħħaħ l-aċċess għal kura tas-saħħa u kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità. Tippromwovi l-integrazzjoni ta' gruppi żvantaġġati, partikolarment ir-Rom.

3. Tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment dwar il-kura tas-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasport, b'mod partikolari dwar is-sostenibbiltà, l-infrastruttura diġitali, l-effiċjenza enerġetika, il-kompetittività tal-SMEs, u l-akkomodazzjoni soċjali tagħha, filwaqt li tqis id-diskrepanzi reġjonali. Iżżid l-użu ta' kriterji relatati mal-kwalità u mal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja fl-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku.

4. Tissokta bit-titjib fl-effettività tas-sistema ġudizzjarja, b'enfasi fuq it-tisħiħ tal-indipendenza tagħha, fosthom il-ħatriet ġudizzjarji. Iżżid l-isforzi biex tinkixef il-korruzzjoni u jittieħdu passi legali għall-każijiet ta' korruzzjoni, partikolarment fil-każijiet ta' korruzzjoni fuq skala kbira.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*